# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, it-Tlieta 15 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 38.
Citazz. Nru. 2208/00 JRM

**LI QUANYUN bhala mandatarju ta' l-assenti YANG MEIUHA ta' nazzjonalita' Ciniza**

**vs**

**JIANYI LIANHE FAZHAN YOUXIAN COMPANY LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-attrici ikkoncediet lis-socjeta' konvenuta is-somma ta' hamsin elf Yuan Ciniz (Yuan 50,000) ekwivalenti ghal cirka elfejn u tmien mitt lira maltin ( Lm2,800) b'titolu ta' self u dan kif jirrizulta mill-iskrittura privata datata 25 ta' Frar 1999 (Dok LQ1);

Illi s-socjeta' konvenuta ai termini ta' l-iskrittura gia indikata kellha teffettwa r-ripagament tas-somma hekk mislufa sat-3 ta' Frar 2000;

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas izda din baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' hamsin elf Yuan Ciniz (Yuan 50,000) ekwivalenti ghal cirka elfejn u tmien mitt lira maltin (Lm2,800);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet naxxenti mill-iskrittura gia citata kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat illi c-citazzjoni gie debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur nomine;

Semghet l-Avukat ta' l-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza fosthom in-Nota tal-attur nomine tat-18 t'April, 2001 (fol 20) tal-process;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' hamsin elf Yuan Ciniz (Yuan 50,000) ekwivlaenti ghal cirka elfejn u tmien mitt lira maltin (Lm2,800), u bl-imghaxijiet bir-rata tal-erbgha u nofs fil-mija (4.5%) fis-sena millum sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**15 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Mejju, 2001.**